# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Numru 1844/15**

***Jacky System S.R.L.***
**registrata fl-Italja bin-numru 02365300819**
**bl-ufficju registrat f'Marsala (TP),**
**Piazza G.Marconino 70, Italia**

**vs**

***Centurion Bet Limited***
**(C – 44934)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat is-27 ta' Novembru, 2015, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 143), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur:

2.1. Akkoljiet provizorjament il-mandat in dizamina;

2.2. Ordnat in-notifika ta' l-istess rikors promotur lill-kontro-parti ghar-risposta tas-socjeta` intimata;

2.3. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smiegh ghall-udjenza fil-gurnata u hin hemm indikati, (ara foll 1 u 3);

3. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata t-3 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 12);

4. Rat id-dokumenti kollha esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors promotur fuq indikat is-socjeta` rikorrenti sintetikament elenkat il-pretensjonijiet taghha bil-mod segwenti:

6.1. Illi generikament is-socjeta` intimata tigi inibita milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* bi kwalsiasi mod oneruz jew gratuwitu, jew b'xi mod tohloq xi piz jew drittijiet reali u/jew personali, tizvaluta jew tiddeprezza il-valur tal-assi u l-proprjeta` mobbli u immobbli, inkluz izda mhux limitatament, il-licenzja mahruga mill-Awtorita` Maltija tal-Loghob, *Class 2* bin-numru MGA/CL 2/527/2008;

6.2. Illi inoltre, l-istess socjeta` intimata tigi wkoll inibita milli tbiegh, iccedi jew titrasferixxi azzjonijiet f'socjetajiet ohra;

`

6.3. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-qorti biex:

6.3.1. Tordna l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni biex is-socjeta` intimata tinzamm milli taghmel jew tkompli taghmel xi att minn dawk indikati aktar qabel bi pregudizzju ghas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata komplessivament issollevat sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi r-rikors promotur hu ibbazat fuq l-artiklu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.2. Illi *nonostante* dan, l-istess rikors jirrizulta li hu ppostulat b'mod generali u ghalhekk jippekka milli jissodisfa l-precett postulat fl-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti billi ma jindikax b'mod specjali liema hi dik il-proprjeta` li s-socjeta` rikorrenti tixtieq li tigi protetta u kkawtelata bil-hrug tal-mandat in dizamina;

7.3. Illi ghalhekk il-formola li s-socjeta` rikorrenti setghet tuza biex tippostula l-ghanjiet taghha fir-rigward mhix dik minnha uzata fil-procedura in dizamina;

7.4. Illi *di piu`*, l-artiklu 874 (1) tal-Kap 12 fuq indikat ma jippermettix li jkun hemm zieda ma' l-azzjoni li l-mandat precedentement maghzul mir-rikorrenti jkun intiz li jimpedixxi;

7.5. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti rigward it-trasferiment t'azzjonijiet lil terzi minnha riferiti fir-rikors promotur, (ara paragrafu numru hamsa punt tnejn, (5.2.), aktar qabel), hi inammissibbli *stante* li waqt li tali inibizzjoni hi totali, l-vertenza in dizamina hi wahda limitata;

7.6. Illi *di piu`*, is-socjeta` rikorrenti naqset li tiddeskrivi l-immobbli skont l-artiklu 874 (2) tal-Kap fuq indikat;

7.7. Illi *inoltre*, ghal dak li jirrigwarda l-licenzja mahruga mill-Awtorita` fuq riferita jinghad semplicement li tali talba hi irrizorja *stante* l-ghoti ta' licenzja hi marbuta mal-persuna;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tas-suespost, analizi tal-vertenza odjerna jirrileva sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi t-talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina hi ibbazata fuq l-artiklu 874 tal-Kap fuq indikat;

8.2. Illi tali mandat jista` sintetikament jissejjah ***"aljenatorju"*** u hu intiz biex izomm, f'dan il-kaz, lis-socjeta` intimata milli b'xi mod fuq gia` riferit taljena l-beni hemm ukoll indikati u dan, in kawtela tal-kreditu kif pretiz mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghandu jkun pacifiku li r-rikors promotur kif maghzul mis-socjeta` rikorrenti hu wiehed generali u jippekka proceduralment milli jindika b'mod specjali liema proprjeta` din is-socjeta` rikorrenti tixtieq li tikkawtela bil-hrug tal-mandat *de quo*;

10. Illi dan in-nuqqas jilledi r-rekwiziti indikati fl-artiklu 874 (2) tal-Kap 12 fuq indikat li espressament jippostula l-htiega li meta mandat jirreferi ghall-immobbli specifici:

> "…. dawn ghandhom jigu deskritti fir-rikors bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Registru Pubbliku …."

Ikkunsidrat:

11. Illi ghalhekk, *stante* li r-rikors promotur jonqos milli jispecifika liema hi l-proprjeta` li ghandha tigi hekk tutelata, allura jirrizulta lampanti li l-istess rikors promotur mhux konformi ma' l-artiklu 874 (2) tal-Kap *de quo*;

Ikkunsidrat:

12. Illi *di piu*`, l-istess rikors promotur hu wkoll wiehed irregolari *stante* li oltre dak intiz fl-artiklu 874 (2) tal-Kap *de quo*, meta jindirizza it-tutela rigwardanti l-azzjonijiet li ghalihom jirreferi, dan jistraripa l-limiti tal-azzjoni hemm indikata u ghalhekk jirrendi l-istess talba *ultra vires*;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi fil-meritu tal-vertenza odjerna ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi fi procedura ta' natura specjali bhal ma hi dik odjerna l-oneru kurjali hu limitat ghall-analizi ta' l-operat *de quo* biex tistabbilixxi jekk is-socjeta` rikorrenti ghandiex jedd *prima facie* kontra s-socjeta` intimata fl-ammont superjuri ghal dak indikat fl-imsemmi artiklu 874 tal-Kap *de quo*, (ara f'dan ir-rigward ***STC Training Limited vs. Patrick Pullicino Mandat ta' Inibizzjoni Numru 850/2015***, **u** ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Joseph Mallia Mandat ta' Inibizzjoni Numru 145/2015*** fejn gie ritenut li:

> "Madanakollu skont l-artiklu 874 applikabbli ghall-kaz in ezami, il-kriterju tal-pregudizzju irreparabbli, (it-tieni element rikjest *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12), mhux rekwizit ghall-hrug tal-mandat";

13.2. Illi rigward il-prova in *prima facie* tal-jedd reklamat jinghad sintetikament is-segwenti:

13.2.1. Illi kif ritenut mill-***Qorti ta' l-Appell*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs. Manfre`, datata l-14 ta' Lulju, 1988***, ir-rekwizit tal-jedd *prima facie* hu wiehed oggettiv u mhux wiehed soggettiv;

13.2.2. Illi *di piu`* l-ezistenza *o meno* ta' tali jedd ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant jew kif l-istess jedd jista` jidher ma' l-ewwel daqqa t'ghajn;

13.2.3. Illi inoltre, rinfaccata b'tali mandat, qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva fir-rigward *stante* li f'dan l-istadju tal-procedura komplessa involuta, il-pretensjoni sollevata fl-atti *de quo* tkun ghad ma gietx guridikament accertata jew stabbilita;

Ikkunsidrat:

14. Illi ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna hi ta' natura sommarja u effettivament preliminari;

15. Illi in effetti mhux il-mansjoni tal-qorti li f'dan l-istadju tal-mandat ta' inibizzjoni tesplora fil-fond il-mertu sollevat quddiema;

16. Illi sintetikament ghandu jkun pacifiku fil-procedura odjerna il-fatt kemm jekk tintlaqa` t-talba sollevata quddiema, kemm jekk tigi regettata, dan ma jfissirx minnhu nnifsu li l-jedd *de quo* gie jew ipprovat jew ma jezistix, skont il-kaz;

17. Illi fil-fatt il-kompitu tal-qorti fi procedura bhal dik in dizamina hu ferm cirkoskritt kif fuq gia` indikat u bl-ebda mod m'ghandu jittiehed bhala l-ahhar kelma fir-rigward;

Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-analisi kemm procedurali u fuq il-meritu fuq espress, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha fil-livell rikjest minn din il-procedura partikolari;

19.0. Illi l-pretensjoni pekunjarja minnha pretiza, flimkien mall-procedura minnha gia` inoltrata, mhumiex bizzejjed biex jiskattaw l-operat indirizzat mill-introduzzjoni tal-procedura odjerna mis-socjeta` rikorrenti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

19.1. Ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-talbiet taghha skont il-ligi kif fuq indikat;

19.2. Takkolji r-risposta tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 12 *et sequitur*);

19.3. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` intimata, (ara foll 1 *et sequitur*);

19.4. Tiddikjara li in vista tal-premess qed tvarja *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha datat is-27 ta' Novembru, 2015, (ara foll 1 u 3), billi issa tirrespingi r-rikors promotur fl-interezza tieghu;

19.5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti *Jacky Systems S.R.L.* kif deskritta fir-rikors promotur.

.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**